**17 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

John Caruana et

*versus*

Angolino Cilia

**Gherusija — Reżiliment — Danni — Art. 1088 (1), 1904, 1905, Kodiċi Ċivili.**

*Il-kawża ġusta li taghti lok ghar-reżiliment ta' l-gherusija ghandha tiġi ravviżata f'ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u jrid ikun fondat u imprevedibbli.*

*Ir-rigali mogħtija in kontemplazzjoni taż-żwieġ jibqgħu ta' min jagħmilhom, u min jirċevihom għandu biss jużahom waqt iż-żwieġ, u għalhekk għandu jirrestitwihom lid-donat jekk iż-żwieġ ma jsirx; fil-każ ta' donazzjonijiet l-oġġett donat isir tad-donatarju, taħt il-kondizzjoni li ż-żwieġ isir, b'dana però, li d-donatarju jista' jżomm l-oġġetti lilu donati jekk iż-żwieġ ma jsirx bi ħtija tad-donat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew li l-attriċi Lorenza Caruana u l-konvenut kienu ilhom għarajjes ċirka tliet snin u li ma' tul dak il-perijodu l-atturi kienu taw lill-konvenut xi oġġetti ta' għamara u ta' lbies u kienu jistidnuh għall-ikel fil-granet tal-Ħdud — u li bla ebda raġuni valida, il-konvenut irreżilixxja minn dina l-għerusija talbu li premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni, partikolarment dik li l-għerusija tħassret unikament għal ħtija tal-konvenut u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, — il-konvenut, imħabba dan ir-resiliment, jiġi ikkundannat jirrestitwixxi lill-atturi fi żmien qasir u perentorju dak kollu li kien irċeva u in difett li jħallas l-valur tagħhom u fit-tieni lok jirriżarċixxi d-danni li huwa ikkaġuna lill-attriċi, likwidabbli jekk hemm bżonn permezz ta' perit, bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Mejju, 1963.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li huwa ħassar l-għerusija għal raġuni ġusta; illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-oġġetti tal-għamara in kwistjoni ngħataw lil omm l-eċċipjent u mhux lilu;

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi Lorenza Caruana intentat dina l-kawża għax tippretendi li l-konvenut ħassar l-għerusija mingħajr raġuni

valida; il-konvenut jallega illi huwa kien ġustifikat li jagħmel hekk, għaliex sema' li l-attriċi kienet tqila u kellha tifel illeġittimu.

Li irriżulta wkoll li l-attriċi waqt l-għerusija kienet tat lill-konvenut xi rigali u għamlet l-ispejjeż indikati fil-prospett a fol. 44 tal-proċess ġà fuq riferit.

Li għalhekk l-ewwel indaġini li għandha tagħmel dina l-Qorti hija dik, jekk, ċioè l-konvenut kienx ġustifikat jirresilixxi mill-isponsali, għall-motiv fuq imsemmi;

Ikkunsidrat:

Li mhuwiex kontestat li l-kontendenti damu għarajjes kważi sentejn, u li l-attriċi mhix teżerċità azzjoni ta' inġurja naxxenti minn resiliment inġust ta' sponsali, iżda sempliċi azzjoni ta' danni, bażata fuq promessa verbali ta' tnejn minn nies li kellhom il-kapaċità jikkuntrattaw l-għerusija, bħala stadju ta' preparazzjoni għall-kuntrattazzjoni taż-żwieġ. liema azzjoni hija bażata fuq il-prinċipji ġenerali tal-obbligazzjonijiet, u l-fundament tagħha huwa att, ossija ommissjoni inġusta, u d-dannu soffert in konsegwenza ta' dana l-att. (Kollez. XXIV, i, 291; "App. in re Farrugia vs. Chircop" tas-16 ta' Diċembru, 1921).

Ikkunsidrat:

Li l-kawża ġusta li tagħti lok għar-resiliment tal-għerusija għandha tiġi ravvisata f'ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u jrid ikun fondat, u imprevedibbli. Pothier, a propositu jesklama: "Io sono liberato dal vincolo degli sposali quando è sopraggiunto alla persona a cui fui promesso in isposo qualche cosa che mi avrebbe impedito di contrarli se l'avessi prevista" (Trattato Matrim. paġ. 1042). L-istess aw-

tur jiċċita każi konkreti bħal ma l-mard (v. Kollez. XXX, ii, 118), "roviscio di fortuna" ecc., biex juri li l-inċident sopragġunt irid ikun imprevedibbli, u l-importanza tiegħu hija talli, li bih ma kienux jiġu kuntrattati ebda sponsali. Merlin, imbagħad, fost il-kawżi ġusti ta' resiliment jelenka "qualche infamia sopraggiunta ad uno dei fidanzati". Dana jfisser li l-inċident sopraġġunt irid ikun ta' gravità konsiderevoli li jiskonfina fil-forza maggiore, u skond sentenza tal-Appell ta' *Genova, (Fadda, Comm. Art. 1225 — 1226, para. 557) segwita* mill-Qrati Tagħna (Kollez. XXIX, ii, 656) jingħad li: "Pure ammettendo che il caso di forza maggiore possa concretarsi anche nell'impossibilità soggettiva di adempiere l'obbligazione, non può riscontrarsi tale impossibilità nella sempliċe difficoltà, a meno che questa non richiede per essere superata uno sforzo così eccezionale ed un onere tale che confini con l'impossibile". Billi hawn ninsabu f'materja ta' ħtija aquilina, għandu jiġi eżaminat jekk il-kawża tar-resiliment kienitx animata minn "leggerezza o capriccio" (Laurent Vol. II, para. 308, pa. 22).

Ikkunsidrat:

*Li mill*-provi jemerġi konflitt b'linja ta' demarkazzjoni retta bejn il-versjoni tal-atturi u dik tal-konvenut; iżda ċirkostanza koroboranti dina l-Qorti issibha fid-dikjarazzjoni li kemm il-darba l-konvenut wera li ma kienx qiegħed jagħti importanza lil għajdut tan-nies, b'mod speċjali ta' Mary Azzopardi u ta' ommu, meta kien jgħid lill-atturiċi: "Jiena miegħek għandi x'naqsam mhux ma' oħti u ommi". Infatti l-istess konvenut *ammetta li huwa ma vverifikax jekk dana d-diskors kien veru* jew inkella le (fol. 11), allavolja qabel ma kien qatt sema' xejn fuq l-għarusa (fol. 11).

Ikkunsidrat:

Li dana l-kumulu ta' ċirkostanzi li ikkulminaw f'dina l-infamia a karigu tal-attriċi, li iħabbab l-fatt stess li ma setgħetx tiġi pruvata, u li kienet kampata in aria jew il-prodott tal-ilsien ħażin ta' Maria Azzopardi li kienet dejjem tiġġieled ma' oħta l-attriċi, qabel ma *żżewġet* — spiċċaw biex inġeneraw f'moħħ il-konvenut stat ta' avversjoni lejn l-għarusa, li soġġettivament irrenda impossibbli l-prosegwiment tal-għerusija, u spiċċa biex qalila li marritlu l-volontà.

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti, qabel xejn mhix sejra tidħol fl-indaġini tal-fatti biex tiġi verifikata r-realtà o meno tal-akkuża, rivolta lill-attriċi, għaliex il-prova speċifika ma tistax tiġi esperita bil-*mezzi proċedurali għad-disposizzjoni ta' dina l-Qorti,* jibqa' dejjem però, il-fatt li kemm l-attriċi kif ukoll il-ġenituri tagħha, u l-istess oħtha, li ħolqot dan il-gwaj, bil-ġurament ċaħdu, li l-attriċi qatt kienet inċinta jew kellha tarbija. L-istess ġirien jgħidu li fuq l-attriċi qatt ma semgħu xejn, ħlief dak il huma jgħidu li qalitu oħtha.

Ikkunsidrat:

Li taħt dawn iċ-ċirkostanzi, dina l-Qorti tħoss li l-motiv li ġiegħel il-konvenut iħassar l-għerusija, mhuwiex tali li jeżonerah mir-responsabbilità tiegħu għad-danni. F'materja ta' akkuża simili, mhux plawsibbli li l-għarus għandu joqgħod biss għal għajdut li kull tant huma il-prodott tal-għira u ta' animu pervers u li ta' spiss jivverifikaw ruħhom bħala reazzjoni għal xi offiża subita, biex mill-impotenza tas-subizzjoni l-offiż jieħu r-revinċita tiegħu b'kwalunkwe mezz, okkorrendo u kif ta' spiss jiġri anki bil-kalunja tad-disunur.

*Li f'sitwazzjoni gravissima bħal din, għar-reputazzjoni* tal-attriċi, dina l-Qorti tesiġi l-prova konkludenti tar-realtà

tal-fatti li jifformaw l-oġġett tal-akkuża li tat lok għar-resiliment, għaliex, fuq sempliċi mormorazzjonijiet u maldiċenza, ma jkunx ġust u anqas leċitu li tiġi ammessa l-pretensjoni tal-konvenut, u b'dana l-mod tiġi aggravata s-sitwazzjoni morali u soċjali tal-attriċi jekk toħroġ sokkombenti f'dina l-kawża li kellha bħala motiv tar-resiliment l-allegata tqala jew twelid ta' tarbija illeġittima. Fatti li ma ġewx menomament pruvati. Dina x-xniegħa rriverberat ruħha fl-okkażjoni tat-tieni għerusija tal-attriċi anki qabel ma inqatet dina l-kawża, meta l-għarus telaq għax qal li sejjer jinqabad b'gamblu jintenn fol. 59), u dina x-xniegħa tibqa' tippersegwita inġustament lill-attriċi, jekk. kontrarjament għar-riżultanzi proċesswali, l-att tar-resiliment tal-konvenut isib il-ġustifikazzjoni tiegħu fuq il-motivi minnu allegati.

Ikkunsidrat:

Li fid-dottrina ġuridika nsibu każ analogu bħal dak in diskussjoni, iżda, mentri fil-kawża odjerna ma saret ebda prova konvinċenti, fil-każ ċitat minn Pothier u Laurent, l-għarus kien ipprova "che la fidanzata era devenuta incinta dopo la promessa di matrimonio; è questo", tkompli tasserixxi sentenza tal-Qorti ta' Rouen tal-20 ta' Marzu, 1813 — "un motivo legittimo pel futuro sposo di rifiutarsi all'esecuzione delle promesse contenute nel contratto di matrimonio, cio che basta per rigettare l'azione di danni — interessi" (Laurent. ibid; para. 309 paġ. 323).

Ikkunsidrat:

Li, kif ġà premess, il-konvenut mhux biss mhux qiegħed jippretendi li t-tqala kienet teżisti waqt l-għerusija, bħala fil-każ ċitat, iżda anqas ma interessa ruħu biex jivverifika jekk dak li ntqal li ġara qabel l-għerusija kienx veru jew le. Għalhekk taħt dawna ċ-ċirkostanzi l-konvenut wera leġġerezza u

debolezza ta' karattru, u għalhekk ma jistax jiġi esonerat mill-konsegwenzi tar-resiliment inġustifikat, li jirrisolvu ruħhom fir-risarċiment tad-danni.

Ikkunsidrat:

Li d-disposizzjoni tal-artikolu 1088 (1) tal-Kodiċi Ċivili, għar-rigward tad-danni risarċibbli mill-għarus fedifragu, għandha tiġi applikata anki in konkumitanza mad-disposizzjoni tal-artikolu 1904 u 1905 tal-Kodiċi Ċivili. Infatti fuq l-iskorta ta' dawna l-artikoli l-Qrati Tagħna dejjem irritenew li r-rigali jibqgħu ta' min jagħmilhom, u min jirċevihom għandu biss jużahom waqt iż-żwieġ, u għalhekk għandu jirrestitwihom lid-donant jekk iż-żwieġ ma jsirx; mentri fil-każ tad-donazzjoni tal-oġġett donat isir tad-donatarju. taħt il-kondizzjoni li ż-żwieġ isir, b'dana però, li d-donatarju jista' jżomm l-oġġetti lilu donati jekk iż-żwieġ ma jsirx bi ħtija tad-donant. (Kollez. XXI, ii, 210; XXIX, ii, 797; Kollez. XXXI, i, 279; XXXII, i, 268).

Li, inoltri fid-danni kontemplati fl-art. 1088 (1) fuq ċitat: "Va compresa soltanto ogni spesa e ogni perdita di denaro o di lavoro sofferta a benefiċċio tanto dello sposo quanto dei membri della sua familglia". (Kollez. XXV, ii, 114).

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi fin-nota a fol. 44 tal-proċess qegħda tippretendi diversi partiti ta' danni ammontanti kompleasivament għas-somma ta' £79.11.6d. biss il-partita li tirrigwarda l-ħasil għandha tiġi limitata għal sena u għandha għalhekk tiġi ridotta skond l-istess deposizzjoni tal-attriċi għal £10.10.0. minflok £23.10.0.

Ikkunsidrat:

Li l-partiti indikati bin-numri 3, 4, 5 fin-nota a fol. 44, m'għandhomx jiġu konsidrati għall-fini tat-talba għaliex ma jistgħux jitqiesu bħala rigali mogħtija in kontemplazzjoni tal-għerusija, se mai tibqa' riservata kwalunkwe azzjoni oħra lill-atturi "si et quatenus", għar-restituzzjoni jew ħlas tal-valur tagħhom.

Li dina l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni d-durata tal-għerusija, l-għoli tal-ħajja, u l-prezzijiet korrenti tal-ġeneri alimentari u tal-ħwejjeġ, u r-rata elevata tal-prestazzjoni ta' ċerti serviġi; u wara li ikkunsidrat ukoll il-pretensjoni irrisorja tal-attur reklamata fl-ittra uffiċjali minhom mibgħuta lill-konvenut fit2 ta' Mejju, 1963 (fol. 52); salv dak li sejjer jingħad fuq il-kap tal-ispejjeż, waslet għall-konklużjoni, wara li ġie ridott il-valur tas-sodda tal-ħadid, tal-gwardarobba tal-abjad u tal-imħadda — b'kollox £3.3.0 — li l-atturi jistħoqqilhom li jitħallsu mingħand il-konvenut, bħala valur ta' danni likwidati, bis-somma ta' £63.8.6d.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-atturi, u tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-atturi l-oġġetti indikati bin-numri 6, 7, 9 fid-dokument A a fol. 44 tal-proċess fiż-żmien ġimgħa minnhom, u fin-nuqqas ikun kundannat iħallas il-valur rispettiv tagħhom hemm indikat, ammontanti komplessivament għas-somma ta' £15.5.0; u jħallas ukoll lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' £48.3.6d.; bl-imgħax legali mil-lum, u l-ispejjeż stante dak li rriżulta mill-ittra uffiċjali fuq riverita, jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut.